MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 388/2003

**Rita Pace**

**Vs**

**Gaetano Pace**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra mill-fond BLK J, Flat 3, Apartamenti Indipendenza, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera u dan stante li qed jokkupa l-istess bla titolu validu fil-ligi kif jirrizulta mill-anness kuntratt ta' separazzjoni li qed jigi markat Dok A.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ai fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ma jeccedix il-Lm200 (mitejn lira Maltija).

Kif ukoll rat id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 et seq ibid cjoe il-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn l-istess partijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 11 tal-istess atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti *ratione materiae* billi l-eccipjent ghandu titolu validu ta’ kera flimkien mal-attrici fuq il-fond Block J, Flat 3, Appartamenti Indipendenza, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera, liema titolu hu ilu jgawdi mis-sena 1990.
2. Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-azzjoni attrici hi bazata fuq ‘Kuntratt ta’ separazzjoni” li m’ghandu l-ebda effett fil-ligi, stante illi l-kontendenti ghexu bhala koppja mizzewwga fil-fond *de quo* kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni ta’ dan il-“kuntratt”, u baqghu jghixu hekk flimkien sa ftit tal-gimghat ilu meta nqala’ l-inkwiet matrimonjali bejniethom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 13 u a fol 63.

Rat is-<u>sentenza preliminari</u> moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Frar 2005 (Fol 29 et seq ibid) u li biha giet michuda l-ewwel (1) eccezzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-att publiku li gie iffirmat fl-4 ta’ Lulju 2002 (ara fol 2 sa fol 4 tal-atti) il-partijiet inovluti f’dan il-kaz kienu izzewgu fl-20 ta’ Awissu 1977. Pero, kif hemm dikjarat fl-istess kuntratt il-hajja konjugali bejniethom ma baqghetx aktar possibbli ghar-ragjunijiet hemm imsemmija u ghalhekk, bil-kunsens tal-Qorti kompetenti kienu resqu ghall-istess kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali “a mensa et thoro”.

Fost, dak li gie miftiehem bejn l-istess partijiet u risultanti b'mod car mill-istess kuntratt hemm dak imnizzel fil-klawsola numru 4(i) cjoe "Il-komparenti ragel (cjoe il-konvenut odjern) qieghed jassenja u jittrasferixxi lill-komparenti mara (l-istess attrici) ….is-sehem tieghu u/jew kull interess u dritt personali illi huwa ghandu mill-inkwilinat …." tal-appartament imsemmi fl-avviz Filfatt l-attrici qed tibbasa din l-azzjoni fuq din il-klawsola. Jigi rilevat, ulterjorment illi skond il-kalwsola ghaxra (10) il-partijiet iddikjaraw li huma sodisfatti b'dan il-ftehim u qablu li l-istess kuntratt kien a saldu tad-drittijiet u pretensjonijiet reciproci u "… li ebda disposizzjoni minnu ma tista' tigi mibdula ghall-ebda raguni kemm pre-ezistenti kif ukoll sopraverigenti … hlief jekk mhix bil-kunsens taz-zewg partijiet".

Ikkunsidrat

Illi, pero', l-konvenut (fol 16 et seq ibid) jikkontendi illi "… kellna naghmlu separazzjoni bilfors bejnietna sabiex nista' niehu r-"relief" " peress li hu kien ilu hafna zmien minghajr impjieg. Difatti, wara li sar il-kuntratt imsemmi hu u martu komplew jikkoabitaw fl-istess post. Inoltre kien minnu li kellu razzett appartenenti, pero', Lill-Gvern u l-ittri jircevihom fl-istess razzett. Dwar il-kontijiet ta' dawl u ilma fuq il-post in kwistjoni, dawn huma indirizzati lill-attrici izda jhallashom hu. Dwar ir-"relief", hu beda jircevih mill-1987. Fl-ahhar nett hu ammetta illi kellu l-vizzju tal-loghob tal-azzard izda cahad li l-attrici xtaqet tissepra minnu minhabba dan il-vizzju. Il-konvenut issottometta ukoll ix-xhieda tieghu, permezz, ta' "affidavit" (fol 61 et seq ibid). Hanwhekk hu reggha' sostna illi avolja ma kienx hemm problemi matrimonjali bejniethom, hu u martu ftehmu li jisseparaw sabiex waqt li hu jkompli jithallas ir-"relief" martu setghet ukoll tiehu xi beneficcju socjali.

Difatti wara l-kuntratt, huwa xorta wahda kkoabitaw fl-appartament in kwistjoni kif ukoll jghixu hajja normali ta' mizzewgin. Skond hu l-kuntratt kollu kien "fittizju". Pero', wara li ghaddiet sena', "… bdew jinqalghu problemi matrimonjali" u saret din il-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 18 et seq ibid) bdiet tixhed billi qalet li l-konvenut ghandu "… hafna vizzjijiet" fosthom dak tal-loghob. Hi semmiet, ukoll illi hi u l-konvenut "… dejjem niggieldu qatt ma naqblu". Kien minhabba dan li huma kienu sseparaw anzi "Jien minn dejjem ridt nissepara pero zewgi gghelni naghmel is-separazzjoni". Inoltre "Mistoqsija mill-Qorti jekk ghamliniex il-kuntratt ta' 'separazzjoni sabiex zewgi jkun jista' jiehu r-"relief" testwalment nghid "Hu ghamel hekk". Jiena pero' ridt nissepara "Difatti it-tnejn nircievu l-flus tar-relief" u dawn jithallsu lilhom separatament izda "jigu maqsumin parti ghalih u parti ghaliha" bil-hlas lil zewg jsir b'"cheque" mibghut fil-post in kwistjoni fejn hu jirrisjedi flimkien ma binthom iz-zghira. Wara li sar il-kuntratt ta' separazzjoni, kien minnu illi hi w il-konvenut baqghu jirrisjedu fl-stess post. Pero' xi disgha (9) xhur qabel, hi kienet marret tirrisjedi ma' missierha peress li "ma stajtx nistikkja". Fl-ahhar nett, hi sostniet illi kienet tinsistit ma zewgha sabiex jmur jghix fir-razzett fejn kien registrat vis-à-vis il-karta tal-identita tieghu (ara ukoll ix-xhieda ta' PS 1174 Adrain Sciberras a fol 39 et seq ibid u tal-Ispettur Mario Bonello a fol 50 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti tixtieq tirrileva minnufih illi avolja hi kompetenti li tiddeciedi din il-kawza, kif di gja, gie deciz, Hi ma hiex kompetenti li tiddikjara il-kuntratt ta' separazzjoni bhala null ossija "fittizju". Din tispetta lill-Qorti kompetenti "in materia".

Illi, f'dan l-istadju, din il-Qorti hi rinfaccjata b'kuntratt publiku debitament insinwat u li jorbot lill-partijiet involuti sakemm ma jigiex dikjarat mhux validu skond il-ligi u, ghalhekk, l-istess ftehim ta' separazzjoni ghadu "in vigore" sallum.

Illi u bhala konsegwenza ta' dak premess, il-konvenut jrid, bil-fors, jintavola azzjoni ghal dan l-iskop quddiem kif di

gja inghad, il-Qorti kompetenti u li permezz taghha jitlob ir-rexissjoni tal-istess kuntratti.

Illi, dan premess, ma hemm ebda dubbju li dak kollu inkluz fl-istess kuntratt hu “in vigore” sallum inklusa l-klawsola numru 4(i) hawn fuq citata (ghal kull buon fini ara l-artikolu 64(2) u 65 tal-Kodici Civili).

Illi, konsegwentement, u a bazi ta’ din il-klawsola, l-attrici ghandha, sallum, il-jedd li titlob l-izgumbrament tal-konvenut in vista li dan ittrasferixxa sehmu mill-inkwilinat lill-istess attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex, sal-21 ta’ Marzu 2008 jizgombra mill-fond Block J, Flat 3, Appartamenti Indipendenza, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera u dan stante li l-istess konvenut qed jokkupa l-istess post bla titolu validu fil-ligi.  In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------